Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 18/2014

**Angelo Curmi (appellat)**

**Vs**

**Emanuel Portelli (appellant)**

21 ta' Frar, 2017.

1. Dan il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' April 2009 fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex. L-appellat kien qieghed isuq vettura tat-tip Toyota pick-up (griza) sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat, filwaqt li l-appellant kien qieghed isuq vann zghir (abjad). L-appellant hareg minn triq sekondarja ghal gewa Triq ir-Rabat, biex imur in-Nadur.

2. L-Arbitru wasal ghal konkluzjoni li:-

*"Certament min ikun hiereg minn triq laterali ghandu doveri massimi fis-sens li ghandu jaghmel mezz li jista' johrog fuq il-main road u jittraversaha b'mod li ma jfixkilx lil min ikun qed isuq fil-main road.*

*Il-main road user a sua volta m'ghandux jippretendi li s-sewqan tieghu fuq il-main road jista' jsir b'mod traskurat u ghal kollox nonkuranti ghal utenti ohra fit-triq.*

*Fil-kaz in dizamina rrizulta ampjament pruvat li l-intimat hareg mit-triq laterali b'mod ghal kollox inkonsult. Izda jrid jigi tenut kont ukoll tal-fatt li r-rikorrenti zbalja wkoll meta kien qed isuq ghal nofs tat-triq u dana bi speed eccessiv.*

*Id-danni mitluba fl-ammont ta' €2,264.15 ma gewx kontestati u ghalhekk l-intimat ghandu jhallas €1811.32 (80% tad-danni reklamati) lir-rikorrenti".*

3. L-aggravju tal-appellant hu li l-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-provi. Kien l-Arbitru stess li qal: *"…. r-rikorrenti ma kienx qed isuq fil-karreggata tieghu….' U illi '…. l-istess rikorrenti kien qed isuq bi speed eccessiv… tenut kont ulterjorment li l-intimat hareg mis-side road meta r-rikorrenti kien tul ta' almenu 30/35 metru il-boghod".*

4. L-appellat wiegeb billi ghamel riferenza ghal numru ta' sentenzi li jitrattaw incidenti tat-traffiku f'kaz ta' vettura ghaddejja minn triq principali u ohra li harget minn triq sekondarja, u li din il-qorti m'ghandhiex facilment tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel l-Arbitru.

5. Il-partijiet taw verzjonijiet differenti u ma kien hemm xhieda ohra. F'dan ir-rigward:

   **Angelo Curmi** xehed:
   - Hareg vann minn fuq Stop Sign u saret il-habta.
   - Ma setax ighid kif hareg il-vann minn fuq is-sinjal.
   - Il-brake marks li jidhru fl-iskizz huma tal-vettura tieghu.
   - Id-daqqa mal-vettura tieghu hadha man-naha tax-xufier, man-naha tax-xufier tal-vettura tal-appellant.

   **Emanuel Portelli** xehed:
   - Hu hareg mit-triq sekondarja.
   - Meta sehh l-incident kien hareg mit-triq sekondarja u sab postu fil-karreggata.
   - Ra trukk gej ghal fuqu. Kien hemm mumenti qabel l-incident li fihom ix-xufier tat-Toyota ma kienx jidher.
   - Qabel sehh l-incident kien mal-bankina, forsi xi sitt pulzieri maqlugh il-barra.
   - Fil-hin tal-incident il-magna tal-vettura tieghu kienet mixghula izda l-vettura kienet wieqfa.

6. Wara li l-qorti qrat l-atti u semghet it-trattazzjoni, tosserva:

   i. Mid-deposizzjoni tal-appellat hu evidenti li ma rax il-vettura tal-appellant; *"Mistoqsi ezattament kif harget il-vettura l-ohra,* ***nghid li ma nistax nghid sewwa****. Ma nistax nghid kif hareg ezatt. Suppost hu wieqaf fuq l-istop"*. Lill-pulizija li nvestiga l-kaz qallu: *"Kont niezel min-Nadur ghar-Rabat. Speed normali. Rajt vann quddiemi.* ***Ma nafx jekk kienx gej mir-Rabat jew niezel mit-trejqa li hemm in-naha tax-xellug.*** *Malli ntbaht bih rbatt l-break u hbatna"*.
   ii. Dikjarazzjoni li pjuttost taghti lill-qorti x'tifhem li l-appellat kienx qieghed izomm *proper lookout*. Ghalkemm semma li kien hemm xi trukkijiet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu, mill-iskizz tal-pulizija jidher li kien hemm trukk wiehed ipparkjat. L-istess mir-ritratti ezibiti. Kif jirrizulta mill-iskizz SMS6 dan it-trukk ma jistax ikun li kien qieghed jostakola l-vizwali tal-appellat. Ghalhekk l-appellat ma rax dak li kien *in plain view*.

   iii. L-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni kif il-brake marks li halliet il-vettura tieghu, jibdew fuq in-naha l-ohra tat-triq tal-karreggata minn fejn suppost kien ghaddej (ara ritratt SMS4).

   iv. Mill-iskizz u ritratti jirrizulta li:

a) Il-*brake marks* tal-vettura tal-appellat huma fuq in-naha l-ohra tat-triq, cjoe' fil-karreggata li minnha jghaddu il-vetturi dehlin in-Nadur. Dan ifisser li l-appellat kien *wrong side*.
b) Hemm distanza mhux zghira bejn fejn tidher it-tabella STOP u fejn sehh l-incident. L-Arbitru qal, *"Mit-triq laterali li minnha hareg l-intimat sal-punt fejn il-vetturi waqfu wara l-incident hemm distanza ta' cirka 23/25 metru"*.
c) Hemm tul ta' 7.30 metri brake marks.
d) L-*ispot of impact* kien proprju fejn jidhru l-vetturi fir-ritratti. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi ghar-ritratti SMS4 u SMS7 fejn jidher hgieg fl-art. Mill-istess ritratti jirrizulta li l-windscreen tal-vann abjad inkiser u l-istess il-hgiega tan-naha tax-xufier. Hgieg li spicca ma' gemb il-bankina.
e) Il-hsara fil-vettura tal-appellant kienet fil-bieba tax-xufier u fit-tarf tal-faccata tal-vettura, in-naha tax-xufier.

v. Minn dawn il-provi l-qorti tikkonkludi li:

a) Fil-hin tal-impatt il-vettura tal-appellant kienet diga' harget mit-triq sekondarja, qasmet it-triq principali, u hadet il-posizzjoni taghha fil-karreggata direzzjoni lejn in-Nadur.
b) L-*ispot of impact* hu fejn jidher il-hgieg mal-art. Dan jinsab ma' gemb il-bankina. Fil-fehma tal-qorti din hi prova inkonfutabbli li meta sehh l-impatt, il-vettura tal-appellant kienet vicin il-bankina u fuq in-naha tat-triq fejn suppost kellha tkun. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mal-Arbitru li, *"l-incident sehh fil-parti tat-triq* ***fejn il-brake marks jduru b'mod sharp lejn il-lemin u <u>ghalhekk fin-nofs tal-karreggjata ta' vetturi dehlin lejn in-Nadur</u>***"*. Kieku kien hekk il-hgieg li waqa' mill-vettura tal-appellant ma kienx ser ikun ma' gemb il-bankina. Prova li turi li l-*ispot of impact* ma sehhx fin-nofs tal-karreggata tal-vetturi dehlin lejn in-Nadur, kif ikkonkuda l-Arbitru.
c) Kieku l-incident sehh ghaliex l-appellant invada l-karreggata li suppost kien ghaddej minnha l-appellat, probabilment l-incident kien isehh iktar l-isfel minn fejn sehh u fuq in-naha l-ohra tat-triq.
d) Il-qorti lanqas ma taqbel mal-Arbtiru li fil-mument li l-appellat ra l-vettura tal-appellant, *"huwa kien fin-nofs tat-triq (on the crown of the road)"*. L-Arbitru ma qalx kif wasal ghal dik il-konkluzjoni. Li hu cert hu li l-brake marks kienu fuq in-naha l-ohra tat-triq, cjoe' *wrong side*.
e) L-appellat ma kienx qieghed izomm *proper look out*. Tant hu hekk li a *tempo vergine* qal li ma kienx jaf jekk il-vettura tal-appellant kinitx gejja mir-Rabat jew harget mit-triq sekondarja. F'dik il-parti tat-triq minn fejn kien ghaddej l-appellat, il-vizwali hi fit-tul. Fatt

konfermat mill-appellat innfisu li qal, *"It-triq hija nizla.* ***Ghalkemm tara fit-tul*** *kien hemm xi trukkijiet ipparkjati"*. Kieku l-appellant kien qieghed isuq b'mod prudenti u kif suppost, ma kienx iwiegeb b'dak il-mod.

f) L-Arbitru qal ukoll li, *"Il-posizzjoni finali tal-vettura tal-intimat hija tali li tikkonferma li din ma kinitx wieqfa dritt mal-bankina izda kienet ghadha angolata lejn ix-xellug fin-nofs tal-karreggata ta' vetturi dehlin lejn in-Nadur"*. Il-qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok il-frak tal-hgieg li ovvjament waqa' meta nkisret il-*windscreen* tal-vettura tal-appellant, hu ma' gemb il-bankina. Fit-tieni lok il-*point of impact* mal-vettura tal-appellant tidher li kienet proprju fil-kantuniera tal-faccata tal-vettura, in-naha tax-xufier. Min-naha l-ohra mill-hsara li saret lit-Toyota, hu evidenti li habtet fil-vann abjad bil-faccata tan-naha tax-xufier. Fatt konfermat mill-appellat stess li xehed: *"Id-daqqa mal-vettura l-ohra hadtha man-naha tax-xufier tieghi man-naha tax-xufier tas-sur Portelli"*. Kieku fil-mument tal-impatt il-vann tal-appellant kien ghadu angolat u ghalhekk ma sabx il-posizzjoni tieghu fil-karreggata li twassal ghan-Nadur, probabilment il-hsara fil-faccata tat-Toyota kienet tkun fuq in-naha tal-passiggier (ara ritrratt SMS3). Iktar u iktar meta tqies it-trajettorja tal-brake marks kif murija fl-iskizz. Dan apparti li d-debris ma kienx ikun ma' gemb il-bankina imma f'nofs il-karreggata.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li l-appellat ma tax prova li l-incident sehh tort tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tal-Arbitru tat-13 ta' Gunju, 2014 u filwaqt li tilqa' l-appell, tichad it-talbiet tal-appellat bl-ispejjez kollha kontra tieghu.**

Anthony Ellul.